**Eżami għad-Dħul fil-*Junior Lyceum* 2008**
**Studji Soċjali – Skema ta' Marki**

**Eżerċizzju A**

| Numru | Tweġiba |
|---|---|
| 1 | Falz |
| 2 | Veru |
| 3 | Falz |
| 4 | Veru |
| 5 | Veru |
| 6 | Falz |
| 7 | Falz |
| 8 | Falz |

**Tingħata marka għal kull tweġiba tajba. Total 8 marki.**

**Eżerċizzju B**

It-tweġibiet iridu jkunu 3 , 6, 7, 5, 4, 2 f'dik l-ordni.

**Tingħata marka għal kull tweġiba tajba. Total 6 marki.**

**Eżerċizzju Ċ**

It- tweġibiet iridu jiġu hekk

| | |
|---|---|
| 1 | skart solidu |
| 2 | plastik |
| 3 | mal-ġenituri |
| 4 | inwasslu l-istess messaġġ lil numru kbir ta' ċittadini |
| 5 | huma diversi |
| 6 | il-gvern u ċ-ċittadin |
| 7 | nipproduċu skart mill-inqas |
| 8 | jsaħħu d-demokrazija |

**Tingħata marka għal kull tweġiba tajba. Total 8 marki.**

**Eżerċizzju D**

It-tweġibiet iridu jkunu f'din l-ordni.

(Ġesu`, Ruman, maltempata, lifgħa, Publiju, isqof, tfarrak, Għajn Rasul, laqa')

**Tingħata marka għal kull tweġiba tajba. Total 9 marki.**

**Eżerċizzju E**




**Tingħata marka għal kull tweġiba tajba. Total 6 marki.**

**Eżerċizzju F**




**Tingħata marka għal kull tweġiba tajba. Total 7 marki.**

**Eżerċizzju Ġ**

| Numru | Tweġiba |
|---|---|
| 1 | Il-kavallieri kienu joqogħdu l-Birgu. |
| 2 | Waħda minn dawn ir-raġunijiet:<br>• tiddefendi ż-żewġ portijiet<br>• għax tiddomina l-fortizzi l-oħra<br>• mdawra fuq tlieta minn erba' naħiet bil-baħar<br>• setgħu jaqtgħu l-blat għall-ġebel<br>• ħdejn il-portijiet għall-kummerċ<br>Raġunijiet oħra validi għandhom jiġu aċċettati. |
| 3 | Għax l-attakk ta' l-għadu kien mistenni minn fuq l-art iżjed milli min-naħa tal-baħar. |
| 4 | Ġlormu Cassar |
| 5 | Għax il-kavallieri kienu ġejjin minn pajjiżi b'lingwi u drawwiet differenti. |
| 6 | Is-Sagra Infermerija |
| 7 | Il-KonKatidral ta' San Gwann |
| 8 | Għax baqgħet iċ-ċentru politiku, amministrattiv, kummerċjali u kulturali ta' pajjiżna. |

**Tingħata marka għal kull tweġiba tajba. Total 8 marki.**

**Eżerċizzju G**

**Eżempji ta' tweġibiet li għandhom jiġu aċċettati:**

1. Il-baħar tagħna jitħammeg meta *aħna narmu l-iskart fih.*
2. L-iskart tagħna fil-baħar jagħmel ħsara *lill-ħlejjaq tal-baħar/lis-saħħa tal-bniedem.*
3. Mill-iskart jistghu jsiru prodotti tajbin jekk aħna *nieħdu l-iskart fil-bring sites.*
4. Mill-karta użata bħall-gazzetti nagħmlu *toilet paper, tissues jew karta rreċiklata.*
5. Il-ħġieġ miksur jista' jintuża *fil-madum jew ikun esportat.*
6. Bis-saħħa tar-riċiklaġġ barra li nagħmlu prodotti ġodda jkollna wkoll *pajjiż aktar nadif u sabiħ.*

**Tingħata marka għal kull tweġiba tajba. Total 6 marki.**

**Eżerċizzju ĠH**

1. Pinnur, anemometru (2 marki)
2. Dan juri d-direzzjoni tar-riħ (marka)
3. Dan juri l-veloċità/s-saħħa tar-riħ (marka)
4. tramuntana, majjistral (2 marki)

**Total 6 marki**

**Eżerċizzju H**

Il-kandidati għandhom jagħtu ta' l-inqas **idea waħda.** Dawn li ġejjin huma xi eżempji għal kull sitwazzjoni.

| | |
|---|---|
| 1. | o Titkellem ma' xi ħadd ikbar minnek għall-għajnuna<br>o Tmur tgħid il-persuna li qed tagħmel ħażin.<br>o Tgħid lill-persuna kkonċernata li jekk ma tiqafx se tirraporta |
| 2. | o Ngħid li nkunu qegħdin nagħmlu ħażin .<br>o Nispjega lill-ħbieb bil-perikli li qalulna l-iskola bihom jekk noqogħdu nidħlu f'siti mhux tajbin.<br>o Ngħajjat lil xi ħadd ikbar biex jiġi ħdejna. |
| 3. | o Fil-għaxija m'għandhomx jibqgħu mqajmin tard ħafna.<br>o Jaraw il-programmi flimkien mal-ġenituri.<br>o Ma jarawx films ta' vjolenza għax bil-lejl joħolmu ikrah |
| 4. | o Ma' min qegħdin jitkellmu<br>o Ma jagħtux l-informazzjoni personali tagħhom lil min ma jafux. |

**Żewġ marki għal kull tweġiba. Total 8 marki.**

**Eżerċizzju Ħ**

| | |
|---|---|
| 1. | Reduce, Reuse, Recycle **(3 marki)** |
| 2. | Kumpanija mqabbda mill-gvern biex timmaniġġja l-iskart. **(marka)** |
| 3. | L-iskart li jinġabar fid-djar **(marka)** |
| 4. | Iħammeġ il-water table<br>Iħammeġ il-baħar **(żewġ marki)** |
| 5. | Il-kandidati għandhom joħorġu b'idejat differenti ta' kif għandhom jieħdu ħsieb l-ambjent eż. jużaw il-*Bring-In Sites*, inaqqsu l-iskart, ma jarmux barra, joqogħdu attenti x'jarmu għax l-iskart tossiku huwa perikoluż, jużaw affarijiet riċiklati, eċċ. **(5 marki)** |

**Total 12-il marka**

**Eżerċizzju I**

**It-tweġibiet li jistgħu jingħataw:**

1. Biex tonqos it-tbatija u x-xogħol jitlesta qabel.
2. Biex il-ħxejjex ikunu protetti mis-sħana u mill-qawwa tar-riħ. Jistgħu wkoll jitkabbru prodotti barra minn żmienhom.
3. Jaħdmu anke meta ma jkunx riħ.
4. Biex joqtlu l-insetti u mard ieħor fuq il-prodotti.

**Żewġ marki għal kull tweġiba. Total 8 marki.**

**Eżerċizzju J**

Il-kandidati għandhom jiktbu dwar il-ġrajjiet ta' Malta jew dak li jkunu għaddew minnu huma personalment (inkluż il-familja tagħhom). L-ambjent tal-gwerra għandu jkun imsemmi jew mifhum, permezz ta' aċċenn għal xi fatti u ġrajjiet importanti eż.

- L-Italja daħlet fil-gwerra fl-10 ta' Ġunju 1940 u l-għada bdew l-attakki fuq Malta.
- Kien hemm mijiet ta' attakki mill-ajru u ntefgħu mijiet ta' bombi.
- Iġġarrfu bosta bini u djar.
- Mietu u korrew ħafna nies.
- Kien hawn nuqqas ta' ikel u ġuħ peress li Malta kienet assedjata u l-vapuri kienu qed jiġu attakkati.
- Id-difiża ta' Malta kienet dgħajfa fil-bidu u tqawwiet maż-żmien.
- Ħafna nies kellhom jitilqu mill-ibliet ta' madwar il-portijiet u marru joqogħdu f'irħula 'l bogħod.
- L-aktar postijiet li ġew attakkati kienu l-Belt, il-postijiet qrib il-portijiet u l-postijiet qrib l-ajruporti.
- Ħafna nies ħaffru kenn għall-attakki mill-ajru (xelters) f'darhom, triqathom jew fir-raħal. Hemm kienu jistkennu taħt l-art waqt l-attakki.
- Il-Ġermaniżi bdew jattakkaw lil Malta sa minn Jannar 1941.
- Għall-qlubija li wrew, ir-Re Ġorġ VI ta l-George Cross lill-Maltin fil-15 t'April 1942.
- Konna se nċedu minħabba n-nuqqasijiet li kellna u l-attakki ħorox li sofrejna sakemm wasal il-konvoj.

**Total 8 marki**